



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 2 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

Fajls Interistituzzjonali:
2023/0170(NLE)
2023/0169(COD)

10108/23
ADD 5

JUSTCIV 80
JAI 770
EJUSTICE 20
CODEC 1012
FREMP 173
IA 129

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	1 ta' Ġunju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2023) 156 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĊDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonossiment u l-infurzar tal-miżuri u l-kooperazzjoni fi kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tal-adulti u proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Istati Membri biex isiru jew jibqgħu partijiet, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, għall-Konvenzjoni tat-13 ta' Jannar 2000 dwar il-Protezzjoni Internazzjonali tal-Adulti

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument SWD(2023) 156 final.

Mehmuż: SWD(2023) 156 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 31.5.2023
SWD(2023) 156 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

[...]

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar tal-miżuri u l-kooperazzjoni fi kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tal-adulti

u

proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Istati Membri biex isiru jew jibqgħu partijiet, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, għall-Konvenzjoni tat-13 ta' Jannar 2000 dwar il-Protezzjoni Internazzjonali tal-Adulti

{COM(2023) 280 final} - {SEC(2023) 208 final} - {SWD(2023) 154 final} -
{SWD(2023) 155 final}

1. HĦIEĠA LI TITTIEĦED AZZJONI

1.1 X'inhom l-problema u x'inhuma l-kawżi u l-konsegwenzi tagħha?

L-adulti vulnerabbli huma persuni li għandhom aktar minn 18-il sena li mhumiex f'pożizzjoni li jipproteġu l-interessi finanzjarji jew personali tagħhom minħabba indeboliment jew insuffiċjenza tal-fakultajiet personali tagħhom. L-għadd ta' adulti vulnerabbli fl-UE qed jiżdied kontinwament minħabba l-għadd dejjem jikber ta' persuni b'diżabilità, kif ukoll minħabba t-tixjiħ tal-popolazzjoni. Skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istat Membru fejn jgħixu, dawn jistgħu jitqiegħdu taħt miżura ta' protezzjoni minn qorti jew b'deċiżjoni amministrattiva, jew appoġġati minn parti terza li jkunu hastru minn qabel (permezz ta' "setgħat ta' rappreżentanza") biex jimmaniġġaw l-interessi tagħhom.

Din il-vulnerabbiltà dejjem tikber, flimkien mal-mobilità dejjem tikber tal-persuni fl-UE, tagħti lok għal ħafna kwistjonijiet li l-adulti vulnerabbli jistgħu jiffaċċjaw f'sitwazzjonijiet transfruntiera. Pereżempju, l-adulti jista' jkollhom bżonn jimmaniġġaw l-assi jew il-proprjetà immobbli tagħhom li tinsab f'pajjiż ieħor, jgħaddu minn kura medika ta' emerġenza jew pjanata barra mill-pajjiż jew jirrilokaw f'pajjiż ieħor għal diversi raġunijiet. Fin-nuqqas ta' statistika, l-għadd ta' adulti vulnerabbli f'sitwazzjonijiet transfruntiera ġie stmat bejn 1-145 000 u s-780 000.

F'dawk is-sitwazzjonijiet transfruntiera, l-adulti vulnerabbli jiffaċċjaw ir-regoli kumplessi u xi drabi konfliġġenti tal-Istati Membri dwar kif jiddeċiedu liema qorti għandha ġurisdizzjoni, liema liġi tapplika għall-każ tagħhom, u kif jagħtu effett lil deċiżjoni meħuda jew setgħat ta' rappreżentanza stabbiliti barra mill-pajjiż. Fl-istess ħin, f'każijiet transfruntiera, il-qrati u awtoritajiet pubbliċi oħra inkarigati mill-protezzjoni qed iħabbtu wiċċhom ma' ostakli lingwistiċi, komunikazzjoni fuq il-karta kkomplicata, nuqqas ta' kooperazzjoni ma' awtoritajiet oħra tal-Istati Membri u nuqqas ta' informazzjoni dwar is-sistemi legali ta' Stati Membri oħra. Dan iwassal għal sitwazzjonijiet fejn l-adulti vulnerabbli, il-familji tagħhom u r-rappreżentanti tagħhom jesperjenzaw inċertezza legali sinifikanti fir-rigward ta' liema regoli se japplikaw għall-każ tagħhom, ir-riżultat tal-proċeduri u tal-formalitajiet li jeħtieġ li jwettqu. Sabiex jiġi żgurat li l-protezzjoni tagħhom tkompli lil hinn mill-fruntieri jew li jkollhom aċċess għad-drittijiet tagħhom barra mill-pajjiż, spiss ikollhom jgħaddu minn proċedimenti twal u għaljin. F'xi każijiet, il-protezzjoni tagħhom u s-setgħat fdati lir-rappreżentant tagħhom ma jkunux fl-aħħar mill-aħħar rikonossuti, la mill-qrati u lanqas minn atturi mhux ġudizzjarji bħal banek, persunal mediku jew aġenti tal-proprjetà immobbli.

Strument internazzjonali, [*il-Konvenzjoni tat-13 ta' Jannar 2000 dwar il-Protezzjoni Internazzjonali tal-Adulti*](#) ("il-Konvenzjoni HCCH") jipprovdi xi soluzzjonijiet għall-problemi deskritti. Hija tistabbilixxi regoli dwar il-ġurisdizzjoni u l-liġi applikabbli fi kwistjonijiet li jikkonċernaw adulti vulnerabbli u regoli għar-rikonossiment ta' miżuri f'dan il-qasam, u jistabbilixxi mekkaniżmi ta' kooperazzjoni fost il-partijiet kontraenti tiegħu. Madankollu, 11-il Stat Membru biss huma parti għal dik il-Konvenzjoni. Ma hemm l-ebda leġiżlazzjoni tal-UE li tarmonizza r-regoli dwar il-protezzjoni tal-adulti f'każijiet transfruntiera.

Il-problemi deskritti hawn fuq għall-adulti vulnerabbli f'każijiet transfruntiera jistgħu jnaqqsu b'mod sever id-drittijiet fundamentali tagħhom (inkluż id-dritt tal-awtonomija, l-aċċess għall-ġustizzja, il-proprjetà u l-libertà tal-moviment), possibbilment f'kontradizzjoni mal-[*Konvenzjoni tan-NU dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità*](#), li l-UE u l-Istati Membri kollha huma parti għaliha. Barra minn hekk, il-problemi jirriżultaw fi protezzjoni mhux kontinwa bejn il-fruntieri tal-UE u jaffettwaw is-saħħa u l-benesseri tal-adulti kkonċernati, u jikkawżawhom diffikultà psikoloġika kbira, filwaqt li jipperpetwaw l-inugwaljanzi. Fis-sitwazzjoni attwali, dawn il-problemi jaffettwaw ukoll lill-awtoritajiet pubbliċi u lill-qrati, li jesperjenzaw ammont ta' xogħol addizzjonali u kumplessità legali akbar f'każijiet bħal dawn.

1.2 X'għandu jinkiseb?

L-objettiv ġenerali tal-azzjoni tal-UE jkun li tipproteġi d-drittijiet, inklużi d-drittijiet fundamentali tal-adulti vulnerabbli. Dan jinkiseb permezz tal-**objettivi speċifiċi** li ġejjin: (i) li tiżdied iċ-ċertezza legali għall-pubbliku ġenerali u għall-awtoritajiet pubbliċi involuti; (ii) li jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent transfruntier tal-miżuri ta' protezzjoni u s-setgħat ta' rappreżentanza; u (iii) li l-proċedimenti jsiru aktar rapidi u irħas.

2. SOLUZZJONIJIET

2.1 X'inhuma l-opzjonijiet biex jintlaħqu l-objettivi?

Abbażi tal-Artikolu 81(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar l-adozzjoni ta' miżuri li jikkonċernaw każijiet transfruntiera f'materji ċivili u kummerċjali, l-UE għandha l-kompetenza li taġixxi fuq il-problemi deskritti hawn fuq li l-adulti jesperjenzaw f'każijiet transfruntiera.

Ġew ikkunsidrati l-opzjonijiet ta' politika li ġejjin:

- **Opzjoni Nru 1:** Xenarju bażi
- **Opzjoni Nru 2:** Id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tobbliga lill-Istati Membri jirratifikaw il-Konvenzjoni f'ċertu perijodu ta' żmien
- **Opzjoni Nru 3:** Ir-Regolament tal-UE dwar il-protezzjoni tal-adulti
- **Opzjoni Nru 4:** Taħlita tal-għażliet 3 u 4 (Deċiżjoni tal-Kunsill u regolament tal-UE).

2.2 Liema hija l-opzjoni preferuta?

L-opzjoni ppreferuta hija l-opzjoni 4, li hija l-unika opzjoni li tindirizza bis-sħiħ il-problemi li jinqalgħu f'każijiet transfruntiera. Din l-opzjoni tippermetti l-adozzjoni ta': (i) sett komuni ta' regoli (ibbażati fuq id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni HCCH) applikabbli għall-Istati Membri kollha u (permezz tal-Konvenzjoni HCCH innifisha) ukoll għal stati kontraenti oħra tal-Konvenzjoni barra mill-UE; u (ii) regoli li jippermettu kooperazzjoni aktar mill-qrib, modernizzata u simplifikata fi ħdan l-UE, ibbażata fuq il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka. Jinholq ċertifikat Ewropew ta' rappreżentanza, li jipprovdi dokument uniku li jagħti prova tas-setgħat tiegħu li jirrappreżenta adult barra mill-pajjiż kemm fil-konfront tal-awtoritajiet pubbliċi kif ukoll ta' atturi mhux ġudizzjarji u b'hekk jgħin biex jiġi żgurat li l-protezzjoni mogħtija fi Stat Membru wieħed abbażi ta' miżura ta' protezzjoni jew setgħat ikkonfermati ta' rappreżentanza tiġi rispettata barra mill-pajjiż. Il-kooperazzjoni f'dan il-qasam tiġi diġitalizzata u l-ostakli lingwistiċi jittaffew.

3. IMPATTI TAL-OPZJONI PPREFERUTA

3.1 Benefiċċju tal-opzjoni ppreferuta

L-adozzjoni ta' regoli komuni u kooperazzjoni aktar mill-qrib fi ħdan l-UE tiżgura l-kontinwità tal-appoġġ għal adulti vulnerabbli f'sitwazzjonijiet transkonfinali għall-finijiet kollha. Dan jiggarrantixxi l-aċċess ugwali tagħhom għall-ġustizzja, jiżgura li jkun jistgħu jimmaniġġjaw l-assi jew il-proprjetà tagħhom barra mill-pajjiż, u jiżgura li l-kura medika tagħhom titkompla. Barra minn hekk, ir-rikonoxximent tal-arranġamenti magħmula minn qabel (setgħat ta' rappreżentanza) jissalvagwardja l-awtonomija tagħhom u jevita l-ħtieġa li jmorru l-qorti. Għalhekk, l-opzjoni ppreferuta jkollha impatt pożittiv fuq **il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-adulti vulnerabbli** f'sitwazzjonijiet transfruntiera u **impatti legali pożittivi** oħra. L-opzjoni ta' politika 4 tkun l-aktar

effettiva fl-indirizzar tal-problemi ta' inċertezza legali, proċedimenti għaljin u twal, u n-nuqqas ta' rikonossiment ta' miżuri ta' protezzjoni u setgħat ta' rappreżentanza barra mill-pajjiż. Għalhekk, din l-opzjoni tilħaq bl-aħjar mod l-oġġettivi ta' politika tal-inizjattiva.

L-opzjoni ppreferuta jkollha wkoll **impatt soċjali** pożittiv peress li tkun ta' benefiċċju għall-benesseri, is-saħħa, l-inklużjoni u l-ugwaljanza tal-adulti vulnerabbli.

Permezz tal-adozzjoni ta' regoli komuni tal-UE, l-opzjoni ppreferuta **tissimplifika u tħaffef il-proċeduri**. Dan jirriżulta fi ffrankar sinifikanti f'termini ta' kostijiet, ħin u piż kemm għall-adulti f'sitwazzjonijiet transfruntiera kif ukoll għall-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri. L-iffrankar totali taħt l-opzjoni 4 fuq l-ispejjeż relatati mal-proċedimenti kien stmat bejn EUR 2.4 u 2.5 biljun.

L-impatti makroekonomiċi u ambjentali tal-opzjoni ppreferuta ma jkunux sinifikanti.

3.2 Kostijiet tal-opzjoni ppreferuta

L-opzjoni ppreferuta ma tiġġenera l-ebda spiża għall-adulti vulnerabbli f'sitwazzjonijiet transfruntiera.

Il-kostijiet li l-opzjoni ppreferuta tiġġenera għall-Istati Membri jkunu moderati u fil-biċċa l-kbira meġhluha mill-kisbiet fl-effiċjenza (iffrankar tal-kostijiet iġġenerat permezz tas-simplifikazzjoni tal-proċeduri) skont l-opzjoni ppreferuta.

3.3 Is-sussidjarjetà u l-komplementarjetà tal-azzjoni fil-livell tal-UE

Id-diverġenzi fir-regoli tal-Istati Membri li japplikaw għal każijiet transfruntiera u n-nuqqas ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet iwasslu għal inċertezza legali, proċedimenti twal u għaljin, u nuqqas ta' rikonossiment ta' miżuri ta' protezzjoni u setgħat ta' rappreżentanza. Dawn il-problemi jeħtieġu l-adozzjoni ta' regoli komuni, u ma jistgħux jiġu solvuti mill-Istati Membri li jaġixxu waħedhom. Għalhekk, l-oġġettivi tal-inizjattiva jintlaħqu aħjar fil-livell tal-UE f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

L-inizjattiva tkun ukoll waħda li tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità. Billi tgħaqqad is-sistemi legali, l-inizjattiva ssolvi biss id-diffikultajiet f'sitwazzjonijiet transfruntiera u ma tinterferix mal-kompetenza tal-Istati Membri li jadottaw leġiżlazzjoni sostantiva nazzjonali dwar il-protezzjoni tal-adulti, inkluż it-tip ta' miżuri disponibbli, l-eżistenza, il-firxa u l-modifika tas-setgħat ta' rappreżentanza, u r-regoli proċedurali li japplikaw għall-mod ta' eżerċizzju jew implimentazzjoni tal-protezzjoni. Il-leġiżlazzjoni ma tkunx waħda li tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għall-kisba tal-għanijiet tal-inizjattiva.